MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 408/2007

**Albert FS Manduca Limited**

**Vs**

**Raymond Falzon ezercenti l-kummerc taht l-isem ta` Almacaro Valletta Market**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta` Mejju, 2007, in forza ta` liema gie mitlub sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici, s-somma ta` Lm124.76, rapprezentanti bilanc ta` prezz ta` merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu u kif ukoll spejjez legali nkorsi.

Gie mitlub ukoll, il-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez ta` din il-kawza u bl-interessi li ghandhom jiddekorru mid-data tal-fattura.

Ra li l-konvenut ghalkemm notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici anzi jigi

rilevat illi fis-seduta ta` llum, 11 ta` Jannar, 2008, il-konvenut tramite l-konsulent legali tieghu pprezenta nota, li permezz taghha huwa ammetta t-talbiet ta` l-attur kif dedotti kontra tieghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz, billi fuq ammissjoni ta` l-istess konvenut jilqa` t-talba attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici, s-somma mitluba ta` €290.61 (Euros) gia` Lm124.76, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-26 ta` Mejju, 2004 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------